31984R1936

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1936/84
ta' l-4 ta' Lulju 1984
dwar il-klassifika ta' oġġetti li jaqgħu taħt is-subintestatura 85.21 D II tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 tas-16 ta' Jannar 1969 dwar miżuri li għandhom jittieħdu għal applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni tal-Greċja, u b'mod partikulari Artikolu 3 tiegħu,

Billi, biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar il-klassifika tat-tariffa ta' "mikrokomputer ta" 15 × 51×2 mm b'40 *correcting pins* u mgħammar b'*inter alia*:

— memorja ultravjola 1 K 8 bit (EPROM), ta' programm programmabbli li tista' jitħassar mill-utent

— 64 × 8 *bit* memorja li taqra/tikteb id-*data* (RAM).

— 27 linja għal ġewwa/għal barra

— arloġġ li jżomm il-ħin/jgħodd ta' 8 bit, u

— ċirkwit ta' oxxillatur u arloġġ li jintuża abbord;

Billi t-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunisll (KEE) Nru 950/68 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1018/84 [3], tirreferi taħt l-intestatura Nru 84.53 għal magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-data u għall-unitajiet tagħhom, u taħt l-intestatura Nru 85.21 għal mikroċirkuwiti elettroniċi;

Billi, għall-klassifika ta'l-artikolu in kwistjoni, l-intestaturi msemmija aktar il fuq jistgħu jiġu kunsidrati;

Billi, minħabba l-kostruzzjoni u d-disinn tiegħu, dan l-artikolu, ibbażat fuq ċippa tas-silikon unika huwa ċirkuwitu integrat monolitiku prodott bit-teknoloġija N-MOS;

Billi dan il-prodott jissodisfa d-definizzjoni ta' mikroċirkuwiti elettroniċi mogħtija fin-Nota Legali 5 (B) tal-Kapitolu 85, parti (b) b'mod partikulari;

Billi, barra minn dan, l-istess nota tipprovdi (fit-tmiem) biex 85.21 ikollha preċedenza fuq kull intestatura oħra tat-Tariffa u, b'konsegweza, il-prodott in kwjstjoni għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura Nru 85.21; u, b'mod partikulari, fis- subintestatura 85.21 D II;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Mikrokompjuter ta' 15 × 51 ×2 mm b'40 *pins* korrettivi u mgħammar b'*inter alia*:

— memorja ultravjola kanċellabbli ta' programm programmabbli mill-utent 1 K 8 bit (EPROM),

— memorja (RAM), ta' 64 × 8 *bit* għall-qari/għall-kitba tad-*data*

— 27 linji għal ġewwa/għal barra,

— arloġġ li jżomm il-ħin/jgħodd ta' 8 bit, u

— ċirkuwitu ta' oxxillatur u arloġġ li jintuża abbord

għandhom jiġu klassifikati fit-Tariffa Doganali Komuni taħt it-titolu Nru:

85.21 Valvi u tubi termjoniċi, ta' katodu kiesaħ u foto-katodu (inklużi valvi u tubi mimlijin bi fwar jew gass, tubi katodu tar-raġġi, tubi ta' kameras tat-televiżjoni u valvi u tubi rettifikanti ta' l-arki tal-merkurju); fotoċelluli; kristalli piezo-elettriċi mmuntati; *diodes*, *transistors* u strumenti semikondutturi simili; *diodes* li jagħmlu d-dawl; mikroċirkuwiti elettroniċi:

D. *Diodes*, *transistors* u strumenti semi-kondutturi simili; *diodes* li jagħmlu d-dawl; mikroċirkuwiti elettroniċi:

II. Oħrajn.

Artikolu 2

Dan ir-Regoalment għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum li jiġi wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
[2] ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
[3] ĠU L 107, tad-19.4.1984, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Lulju 1984.

Għall-Kummissjoni

Karl-Heinz NARJES

Membru tal-Kummissjoni